DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 76/2008

tas-6 ta' Ġunju 2008

li jemenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi 'l barra mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt tal-KEE Nru 23/2005 tat-8 ta' Frar 2005 [1].

(2) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fir-rigward tal-Ftehim tiġi estiża sabiex tinkludi d-Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perjodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku "Prevenzjoni u Informazzjoni dwar id-Droga" bħala parti mill-Programm Ġenerali "Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja" [2].

(3) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tista tibda taħdem mill-1 ta' Jannar 2008,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fl-Artikolu 16(1) tal-Protokoll 31 tal-Ftehim:

"— **32007 D 1150**: Deċiżjoni Nru 1150/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 25 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi għall-perijodu 2007-2013 il-Programm Speċifiku 'Prevenzjoni u Informazzjoni dwar id-Droga' bħala parti mill-Programm Ġenerali 'Drittijiet Fundamentali u Ġustizzja' (ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23)."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Għanda tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 6 ta' Ġunju 2008.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

---

[1] ĠU L 161, 23.6.2005, p. 52.
[2] ĠU L 257, 3.10.2007, p. 23.
(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali indikati.